L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

**Parroċċa**

# Applikazzjoni għall-Programm ta' Katekeżi għat-tfal

## Dettalji tat-tifel/tifla

Isem u kunjom it-tifel/tifla: ______________________________

Numru tal-Karta tal-Identità tat-tifel/tifla: ______________________________

Data tat-twelid tat-tifel/tifla: ______________________________

Għal-liema sena tal-programm qed tapplika: ______________________________

Jekk it-tifel/tifla jbati/tbati minn xi kundizzjoni medika, kundizzjonijiet oħra jew sitwazzjonijiet li jitolbu attenzjoni partikulari jew li tajjeb li dawk responsabbli/jaħdmu mat-tifel/tifla ikunu jafu bihom indika hawn:

______________________________

It-tifel/tifla għandu/ha l-għajnuna ta' LSE fl-iskola fejn tattendi: ☐ Iva ☐ Le

Fejn se tirċievi l-katekeżi: ______________________________

Parroċċa fejn saret il-magħmudija: ______________________________

## Dettalji tal-ġenituri/kustodji legali

*Kustodju legali minn hawn 'il quddiem jiġi riferut bħala kustodju.*

Isem u kunjom tal-missier/kustodju: ______________________________

Numru tal-Identità tal-missier/kustodju: ____________________ Mowbajl: ____________

Imejl tal-missier/kustodju: ____________________ Tel: ____________

Isem u kunjom tal-omm/kustodju: ______________________________

Numru tal-Identità tal-omm/kustodju: ____________________ Mowbajl: ____________

Imejl tal-omm/kustodju: ____________________ Tel: ____________

Il-ġenituri jgħixu flimkien? ☐ Iva ☐ Le

Lil min inċemplu f'każ ta' bżonn: ____________________ Mowbajl: ____________

Indirizz residenzjali tat-tifel/tifla:

______________________________

______________________________

Tkompli wara

**Numru tal-Karta tal-Identità tat-tifel/tifla:** ______________________________

**F'din id-dikjarazzjoni:**

- L-'Arċidjoċesi' jew 'Knisja' tirreferi għall-Arċidjoċesi ta' Malta li tfisser il-Knisja Kattolika f'Malta.
- Il-Kurja tfisser u tħaddan fiha t-taqsimiet kollha tal-Knisja f'Malta li amministrattivament jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta.
- Parroċċa tfisser parroċċa/knisja/ċentru/komunità li fiha jkun qed isir il-programm.
- Kappillan jirreferi għas-saċerdot jew reliġjuż/a jew persuna oħra responsabbli mill-programm li għalih qed tapplikaw.
- DPC tfisser id-"Data Protection Coordinator" tal-parroċċi (dpc.parrocci@maltadiocese.org).
- 'Leġislazzjoni' tirreferi għall "General Decree on the Protection of Data (2018)" (GDPD), u għar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (EU) 2016/679 (GDPR), u kull leġislazzjoni jew regolament ieħor li jiġi fis-seħħ permezz tagħhom.

**Aħna ġenituri/kustodji hawn taħt iffirmati:**

- Naqblu mar-regolamenti tal-programm ta' Katekeżi għat-tfal li għalih qed nirreġistraw (minn issa 'l quddiem riferut bħala programm) u taċ-ċentru fejn qiegħed jiġi esegwit. Dan il-programm jikkonisiti fil-preparazzjoni għas-sagramenti u laqgħat ta' formazzjoni għall-adoloxxenti sa sentejn wara l-Griżma.
- Nafu li din l-informazzjoni qed tinġabar għan-nom tal-Arċidjocesi ta' Malta u li din l-informazzjoni qed tinżamm u tkun ipproċessata kif imfisser fil-*General Terms and Conditions for Personal Data Protection in Parishes* (minn hawn 'il quddiem riferuti bħala *Terms and Conditions*) u skont il-liġijiet ekkleżjali u statali oħra applikabbli. Din l-informazzjoni se tintuża mill-Arċidjoċesi fid-diversi taqsimiet tagħha relatati mal-programm li għalih qed napplikaw. Għal iktar informazzjoni fuq iż-żmien ta' ritenzjoni, il-metodu ta' pproċessar
u d-drittijiet bħad-dritt ta' aċċess, id-dritt għall-portabbiltà tad-data, id-dritt li tikkoreġi, id-dritt li toġġezzjona, id-dritt li tirtira l-kunsens mogħti f'din il-formola, id-dritt għat-tħassir u d-dritt li tiftaħ ilment mal-awtorità superviżorja, nistgħu naċċessaw it-*Terms and Conditions* minn fuq is-sit tal-istess Arċidjoċesi (www.knisja.mt). Biex ikollna iktar informazzjoni jew biex neżerċitaw dawn id-drittijiet nistgħu nkellmu lill-kappillan.
- Nafu li din l-informazzjoni tinżamm u tintuża għal skopijiet marbuta mal-programm u attivitajiet pastorali oħra relatati miegħu. Nafu li għal skopijiet pastorali u amministrattivi, ma' din l-informazzjoni tista' tinżamm ukoll xi korrispondenza u l-attendenza tat-tfal għas-sessjonijiet tal-programm.
- Nafu li din l-informazzjoni tista' tingħata lil entitajiet oħra (li ma jaqgħux taħt artiklu 1.4 tat-*Terms and Conditions*) biex tintuża għal skopijiet relatati mal-programm.
- Niddikjaraw li l-informazzjoni mogħtija f'din il-formola hi korretta u nintrabtu li jekk ikun hemm xi tibdil navżaw lil din il-parroċċa u/jew ċentru pastorali u/jew ċentru tal-katekeżi (minn issa 'l quddiem riferuti bħala parroċċa) minnufih.
- Nafu li l-post li fih isir dan il-programm jista' jkun mgħammar b'sistemi ta' kameras ta' sigurtà (CCTV) u li dawn huma miżmuma skont it-*Terms and Conditions* u kif rikjest mil-liġi.
- Nagħtu permess biex it-tifel/tifla tagħna jkun/tkun jista'/tista' jersaq/tersaq biex jirċievi/tirċievi s-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni, tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof meta l-kappillan jagħraf li t-tifel/tifla hu/hi ppreparat/a għalihom u biex tinġabar, tinżamm u tkun proċessata d-data meħtieġa biex is-sagramenti jiġu amministrati u rreġistrati skont kif mitlub mill-liġijiet tal-Knisja. **IVA** ☐ **LE** ☐
- Nagħtu permess biex it-tifel/tifla tagħna jattendi/tattendi/jattendu għall-attivitajiet relatati mal-programm barra mill-post fejn normalment isir il-programm. ☐ **IVA** ☐ **LE**
- Nagħtu permess biex din l-informazzjoni tintuża biex tikkomunikaw magħna permezz ta' messaġġi (sms jew simili)/ imejl/jew skritt (bil-kitba) rigward il-programm u l-attivitajiet relatati oħra. **IVA** ☐ **LE** ☐
- Nagħtu kunsens biex f'każ ta' bżonn it-tifel/tifla tagħna jingħata/tingħata l-ewwel għajnuna medika u f'każ ta' bżonn tintalab ambulanza u/jew jittieħed/tittieħed f'ċentru tas-saħħa jew l-isptar għal iktar kura. **IVA** ☐ **LE** ☐ ***(F'każ li tagħżel le, inti qed teżonera lill-awtoritajiet tal-parroċċa, inkluż katekisti u staff taċ-ċentru, minn kull responsabbilità.)***
- Nagħtu permess biex tinżamm informazzjoni medika fuq it-tifel/tifla tagħna u tingħata lil min ikun qed jieħu ħsiebhom biex dawn ikunu jistgħu jaqdu dmirhom aħjar. **IVA** ☐ **LE** ☐ ***(F'każ li tagħżel le inti qed teżonera lill-awtoritajiet tal-parroċċa, inkluż katekisti u staff taċ-ċentru, minn kull responsabbilità.)***
- Nagħtu permess biex l-informazzjoni tintuża wkoll biex tiġi aġġornata database tal-parruċċani liema databse tintuża għal skopijiet pastorali u hi regolarizzata mil-liġijiet interni tal-Knisja. **IVA** ☐ **LE** ☐ ***(Bla preġudizzju għall-kunsensi oħra li tajna.)***
- Nagħtu permess lill-Knisja u lill-fotografi / vidjografi imqabbda minnha biex jieħdu ritratti u/jew filmati tat-tifel/tifla tagħna waqt attivitajiet organizzati minnha. Dawn jittieħdu bħala riferenza interna għall-Knisja u jistgħu jintużaw ukoll fuq siti elettroniċi, social networks bħal Facebook jew pubblikazzjonijiet oħra tal-Knisja, jew jinbigħu. **IVA** ☐ **LE** ☐ ***(Bla preġudizzju għall-kunsensi oħra li tajna.)***
- Nixtiequ nirċievu aktar informazzjoni dwar diversi attivitajiet tal-parroċċa. **IVA** ☐ **Le** ☐
- Nafu li għal aktar informazzjoni jew kjarifiki nistgħu nikkuntattjaw lill-kappillan jew lid-DPC ikkonċernat (dpc.parrocci@maltadiocese.org) qabel ma niffirmaw.
- Nifhmu li għandna dritt li nżommu xi informazzjoni jew li nistgħu nirtiraw it-talba tagħna, f'liema każ il-parroċċa għandha d-dritt li ma tkomplix tipproċessa l-applikazzjoni tagħna u/jew l-involviment tat-tifel/tifla fil-programm.
- Aħna niddikjaraw li ngħatajna l-opportunità li naqraw it-*Terms and Conditions* qabel ma ffirmajna u li nafu wkoll li kopja tagħhom qegħda fuq is-sit tal-Arċidjoċesi.

| | | |
|---|---|---|
| ______________________ | ______________________ | ____________ |
| **Firma tal-Missier/Kustodju** | **Firma tal-Omm/Kustodju** | **Data** |

**Iż-żewġ ġenituri/kustodji legali jridu jippreżentaw il-Karta tal-Identità rispettiva meta jiffirmaw din il-formola. Din il-formola tista' tiġi ffirmata separatament, iżda l-firem iridu jsiru fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Parroċċa.** F'każ fejn l-awtorità tal-ġenituri hija f'idejn ġenitur/kustodju wieħed, il-firma tal-ġenitur/kustodju biss hija meħtieġa. F'dan il-każ, kopja tad-dokument relevanti trid tiġi mehmuża ma' din il-formola.